PARLAMENT EWROPEW 2009 - 2014

6.9.2010 0064/2010

# DIKJARAZZJONI BIL-MIKTUB

imressqa skont l-Artikolu 123 tar-Regoli ta' Proċedura

dwar it-tikkettar ta’ prodotti mit-Territorji Palestinjani Okkupati

**Arlene McCarthy, Hélène Flautre, Sirpa Pietikäinen, Eva-Britt Svensson**

Data ta' skadenza: 6.12.2010

**0064/2010**

**Dikjarazzjoni bil-miktub dwar it-tikkettar ta' prodotti mit-Territorji Palestinjani Okkupati**

*Il-Parlament Ewropew*,

– wara li kkunsidra l-Artikolu 123 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

A. billi l-konsumaturi Ewropej għandhom id-dritt għal tikkettar preċiż dwar l-oriġini tal-prodotti li jixtru, mingħajr ir-riskju li jiġu mqarrqa,

B. billi hemm tħassib li l-prodotti mill-insedjamenti Iżraeljani fit-Territorji Palestinjani Okkupati jistgħu jinbiegħu fl-Ewropa bit-tikketta 'Prodott tax-Xatt tal-Punent' jew bħala prodott tal-Iżrael,

C. billi fil-Każ C-386/08 l-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja sabet li l-prodotti mill-insedjamenti tal-Iżrael fit-Territorji Palestinjani Okkupati ma ġewx prodotti la fl-Iżrael u lanqas fil-Palestina għall-iskopijiet ta' tariffi mnaqqsa skont ftehimiet kummerċjali,

D. billi t-tikkettar ċar biex issir distinzjoni bejn prodotti mill-insedjamenti Iżraeljani fit-Territorji Palestinjani Okkupati u l-prodotti Palestinjani huwa element importanti għall-għażla tal-konsumatur,

E. billi l-bejjiegħa bl-imnut f'xi Stati Membri introduċew tikkettar li jiddistingwi bejn prodotti mill-insedjamenti Iżraeljani u prodotti Palestinjani mit-Territorji Palestinjani Okkupati,

1. Jistieden lill-Kummissjoni toħroġ gwida dwar it-tikkettar ta' prodotti mit-Territorji Palestinjani Okkupati, filwaqt li tiżgura li prodotti mill-insedjamenti tal-Iżrael ikunu jingħarfu b'mod ċar mill-prodotti Iżraeljani u l-prodotti Palestinjani;

2. Jistieden lill-Istati Membri jiżguraw, permezz tal-infurzar tagħhom tal-liġi tat-tikkettar tal-UE, li l-prodotti mill-insedjamenti tal-Iżrael ikunu jintgħarfu sewwa mill-prodotti Iżraeljani u l-prodotti Palestinjani;

3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din id-dikjarazzjoni, flimkien mal-ismijiet tal-firmatarji, lill-parlamenti tal-Istati Membri.